IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2019
COM(2019) 205 final

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 3
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2019

Li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

biex tingħata assistenza lir-Rumanija, lill-Italja u lill-Awstrija

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, kif adottat fit-12 ta' Diċembru 2018[2],

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2019[3], adottat fil-15 ta' April 2019,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2019[4], adottat fil-15 ta' Mejju 2019,

il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 3 tal-baġit tal-2019.

BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport tan-nefqa tat-Taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

[1] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[2]. ĠU L 67, 7.3.2019.
[3] COM(2019) 300, 15.4.2019.
[4] COM(2019) 320, 15.5.2019.

WERREJ

1. **INTRODUZZJONI** **4**
2. **FINANZJAMENT** **4**
3. **APPROPRJAZZJONIJIET MITLUBA FIL-BAĠIT TAL-2019** **4**
4. **TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP** **6**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 3 għas-sena 2019 jakkumpanja l-proposta[5] li jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) għal ammont ta' EUR 293 551 794 biex tingħata assistenza lir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija wara diżastri naturali li seħħew f'dawn l-Istati Membri matul l-2018:

- *ir-Rumanija*: għargħar wara xita qalila fir-Reġjun tal-Grigal minn nofs Ġunju sa kmieni f'Awwissu;
- *l-Italja*: għargħar u valangi wara xita qalila miż-żoni Alpini fit-Tramuntana sa Sqallija;
- *l-Awstrija*: il-fenomeni meteoroloġiċi fl-Italja affettwaw ukoll ir-reġjuni Alpini/tan-Nofsinhar, b'mod partikolari Carinthia u t-Tirol tal-Lvant;

L-ABE Nru 3/2019 jipproponi li l-approprjazzjonijiet meħtieġa jiddaħħlu fil-baġit ġenerali 2019, kemm fl-impenji kif ukoll fil-pagamenti.

2. FINANZJAMENT

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar il-QFP, l-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2019 kien ta' EUR 851 082 072, li huwa s-somma tal-allokazzjoni tal-2019 ta' EUR 585 829 691, flimkien mal-allokazzjoni tal-2018 ta' EUR 265 252 381 li baqgħu ma ntefqux u li ġew riportati għall-2019.

L-ammont li jista' jiġi mobilizzat f'dan l-istadju tas-sena 2019 huwa ta' EUR 704 624 649. Dan jikkorrispondi għall-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2019 (EUR 851 082 072), nieqes l-ammont miżmum ta' EUR 146 457 423 sabiex jiġi rispettat l-obbligu li jitwarrbu 25 % mill-allokazzjoni annwali tal-2019 sal-1 ta' Ottubru 2019 kif stipulat mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar il-QFP.

Tabella sommarja tal-finanzjament mill-FSUE	**Ammont EUR**
Allokazzjoni tal-2018 riportata għall-2019	265 252 381
Allokazzjoni tal-2019	585 829 691
Total disponibbli fil-bidu tal-2019	**851 082 072**
Bit-tnaqqis ta' 25 % tal-allokazzjoni tal-2019 miżmum	-146 457 423
Ammont massimu disponibbli attwalment (allokazzjonijiet tal-2018+2019)	**704 624 649**
Ammont totali ta' għajnuna proposta biex tiġi mobilizzata għar-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija	- 293 551 794
Disponibbiltajiet li fadal sal-1 ta' Ottubru 2018	**411 072 855**

3. APPROPRJAZZJONIJIET MITLUBA FIL-BAĠIT TAL-2019

Abbażi tal-applikazzjonijiet mir-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE, ibbażat fuq l-istima tad-danni diretti totali, huwa ffissat għal EUR 293 551 794. Il-Kummissjoni tipproponi li temenda l-baġit tal-2019 billi tiżdied il-linja baġitarja *13 06 01 "Għajnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija*" b'EUR 293 551 794 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenji kif ukoll ta' pagament (ara t-tabella hawn taħt).

Ammonti f'EUR

[5] COM(2019)206, 22.5.2019.

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta’ pagamenti
13 06 01	Għajnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija	293 551 794	293 551 794
Kwantità totali		**293 551 794**	**293 551 794**

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Baġit 2019 (inkl. ABE 1-2/2019)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju 3/2019		Baġit 2019 (inkl. ABE 1-3/2019)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	**80 627 449 848**	**67 556 947 173**			**80 627 449 848**	**67 556 947 173**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà						
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	*524 734 373*				*524 734 373*	
Limitu massimu	*79 924 000 000*				*79 924 000 000*	
Marġni	*- 178 715 475*				*- 178 715 475*	
1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	23 435 449 848	20 521 537 455			23 435 449 848	20 521 537 455
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà						
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	174 734 373				174 734 373	
Limitu massimu	*23 082 000 000*				*23 082 000 000*	
Marġni	*- 178 715 475*				*- 178 715 475*	
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	57 192 000 000	47 035 409 718			57 192 000 000	47 035 409 718
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	350 000 000				*350 000 000*	
Limitu massimu	*56 842 000 000*				*56 842 000 000*	
Marġni						
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	**59 642 077 986**	**57 399 857 331**			**59 642 077 986**	**57 399 857 331**
Limitu massimu	*60 344 000 000*				*60 344 000 000*	
Marġni	*701 922 014*				*701 922 014*	
Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	43 191 947 000	43 116 399 417			43 191 947 000	43 116 399 417
Sottolimitu	*43 881 000 000*				*43 881 000 000*	
Differenza dovuta għall-arrotondament esklużа mill-kalkolu tal-marġni	*659 000*				*659 000*	
Marġni tal-FAEG	*688 394 000*				*688 394 000*	
3. Sigurtà u ċittadinanza	**3 786 629 138**	**3 527 434 894**			**3 786 629 138**	**3 527 434 894**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	*985 629 138*				*985 629 138*	
Limitu massimu	*2 801 000 000*				*2 801 000 000*	
Marġni						
4. Ewropa Globali	**11 319 265 627**	**9 358 295 603**			**11 319 265 627**	**9 358 295 603**
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	1 051 265 627				*243 842 411*	
Limitu massimu	*10 268 000 000*				*10 268 000 000*	
Marġni					*- 807 423 216*	
5. Amministrazzjoni	**9 942 974 723**	**9 944 904 743**			**9 942 974 723**	**9 944 904 743**
Limitu massimu	*10 786 000 000*				*10 786 000 000*	
Li minnhom għat-tpaċija kontra l-Marġini ta' Kontinġenza	*- 253 882 156*				*- 253 882 156*	
Marġni	*589 143 121*				*589 143 121*	
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 747 285 803	7 749 215 823			7 747 285 803	7 749 215 823
Sottolimitu	*8 700 000 000*				*8 700 000 000*	
Li minnhom għat-tpaċija kontra l-Marġini ta' Kontinġenza	*- 253 882 156*				*- 253 882 156*	
Marġni	*698 832 041*				*698 832 041*	
Kwantità totali	**165 318 397 322**	**147 787 439 744**			**165 318 397 322**	**147 787 439 744**
Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà	***1 164 344 613***	***961 862 659***			***1 164 344 613***	***961 862 659***
Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji	***1 576 000 000***				***768 576 784***	
Limitu massimu	***164 123 000 000***	***166 709 000 000***			***164 123 000 000***	***166 709 000 000***
Li minnhom għat-tpaċija kontra l-Marġini ta' Kontinġenza	***- 253 882 156***				***- 253 882 156***	
Marġni	***1 291 065 135***	***19 883 422 915***			***483 641 919***	***19 883 422 915***
Strumenti speċjali oħra	**577 248 000**	**411 500 000**	**293 551 794**	**293 551 794**	**870 799 794**	**705 051 794**
Total Finali	**165 895 645 322**	**148 198 939 744**	**293 551 794**	**293 551 794**	**166 189 197 116**	**148 492 491 538**